NAO
National Audit Office
MALTA

National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1601
Malta

Phone: (+356) 22055555
E-mail: nao.malta@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt
www.facebook.com/NAOMalta

*Awuditur Ġenerali*

Rif: NAO 62/2017

14 ta' Frar 2019

Onor. Beppe Fenech Adami LL.D., M.P.
Chairman
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Valletta

Għażiż Onor. Fenech Adami,

Nagħmel referenza għat-talba mibgħuta lill-Awditur Ġenerali mill-Kap tal-Oppożizzjoni fid-9 ta' Marzu 2017, dwar il-kuntratt li permezz tiegħu l-Gvern għadda b'titolu ta' ċens l-art fejn kien hemm l-Istitut tal-Istudji Turistiċi lil DB San Ġorġ Property Ltd. Din il-korrispondenza kienet ikkupjata liċ-Chairman tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi sabiex tintalab investigazzjoni formali mill-Kumitat skont il-proċedura stabbilita. Fil-fatt, fit-13 ta' Marzu 2017, il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi qabel li l-Awditur Ġenerali jagħmel tali investigazzjoni.

F'dan l-isfond, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fassal dawn it-termini ta' referenza:

1. jekk il-proċess li wassal għat-trasferiment tal-art, kemm f'termini tal-ħruġ u fl-aġġudikazzjoni tar-Request for Tender Proposals, kif ukoll f'termini tal-kuntratt, issalvagwardax u kienx ibbażat fuq il-prinċipji ta' governanza tajba;

2. jekk il-proċess li wassal għat-trasferiment tal-art, kemm f'termini tal-ħruġ u fl-aġġudikazzjoni tar-Request for Tender Proposals, kif ukoll f'termini tal-kuntratt, issalvagwardax il-prinċipji ta' trasparenza u ekwità, u assigurax trattament ugwali lill-offerenti potenzjali kollha;

3. adeżjoni mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04);

4. jekk sarux negozjati bejn il-Gvern u d-DB San Ġorġ Property Ltd wara li ġiet sottomessa l-offerta finali;

5. jekk permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern kisibx l-aqwa dħul possibbli minn dan is-sit;

6. jekk dan il-proġett esponiex lill-Gvern għal telf materjali fid-dawl tar-rilokazzjoni tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi; u

..../

7. jekk it-trasferiment tal-art kienx konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Att Dwar it-Trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268).

Dan huwa qafas preliminarju tal-investigazzjoni mitluba u l-Uffiċċju jirriserva d-dritt li jagħmel tibdiliet jekk meħtieġa. Madankollu, kif ġie diskuss f'seduti ta' dan il-Kumitat, l-Uffiċċju se jkompli josserva l-prassi li l-investigazzjonijiet jiġu trattati skont meta saret it-talba.

Verżjoni bl-Ingliż tat-termini ta' referenza hi annessa ma' din l-ittra.

Tislijiet,

**C. Deguara**

Ink.

**Terms of Reference**

The National Audit Office is to investigate:

1. whether the process leading to the transfer of the land, in terms of the issue of and adjudication of the Request for Tender Proposals, as well as in terms of the contracts entered into, safeguarded and was based on the principles of good governance;

2. whether the process leading to the transfer of the land, in terms of the issue of and adjudication of the Request for Tender Proposals, as well as in terms of the contracts entered into, safeguarded the principles of transparency and equity, and assured equal treatment to all potential bidders;

3. adherence to the Public Procurement Regulations (Subsidiary Legislation 174.04);

4. if negotiations were held between Government and DB San Ġorġ Property Ltd after submission of the final offer;

5. if through this agreement, Government secured the best possible revenue from this site;

6. if this project exposed Government to material losses in view of the relocation of the Institute for Tourism Studies; and

7. if the transfer of land adhered to the provisions stipulated in the Disposal of Government Land Act (Chapter 268).